DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 181457** **26.06.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Konferenza nazzjonali fil-Jum Internazzjonali kontra d-droga: 'Ħajja ħielsa mid-droga - Flimkien b'għan wieħed'***

"Ma nistgħux nitilfu aktar persuni u individwi li jistgħu jagħtu l-kontribut siewi tagħhom lis-soċjetà b'dan il-mod. Ma jistax ikun li l-qawwiet tal-ordni u ġudizzjarji jfallu milli jipproċedu b'suċċess bi proċessi f'konfront mat-traffikanti tas-sustanzi sintetiċi," tenna l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia meta indirizza lil dawk preżenti waqt il-ftuħ tal-konferenza nazzjonali fil-Jum Internazzjonali kontra d-droga, bit-tema 'Ħajja ħielsa mid-droga - Flimkien b'għan wieħed.' Il-konferenza nżammet fil-Parlament u ġiet organizzata mill-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, b'kollaborazzjoni ma' Caritas Malta, il-Fondazzjoni OASI u l-Aġenzija Sedqa fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali.

Fid-diskors tiegħu, l-Ispeaker Anġlu Farrugia fakkar kif fl-1987, il-Ġnus Magħquda għarfet li l-abbuż u t-traffikar tad-droga bħala periklu għal komunità internazzjonali. L-abbuż mid-droga huwa wkoll ta' theddida għas-saħħa tal-persuna umana, u jnawwar u jdgħajjef l-istituzzjonijiet soċjali, b'mod partikolari, il-familja. It-traffikar tad-droga jitqies bħala attività kriminali b'dimensjoni internazzjonali, fejn l-organizzazzjonijiet kriminali għandhom rabtiet f'għadd ta' pajjiżi. Huwa qal li mill-1961, l-Istati Membri tal-Ġnus Magħquda qablu li għandu jissaħħaħ aktar il-kordinament bejniethom u biex idaħħlu kontrolli iebsa fuq il-pussess, l-użu u l-kummerċ ta' sustanzi illegali.

L-Ispeaker qal li huwa stmat li madwar 250 miljun ruħ mill-età ta' ħmistax il-sena 'l fuq jabbużaw mid-droga. Ta' kull sena madwar 130,000 ruħ fid-dinja jmutu b'konsegwenza diretta mill-abbuż mid-droga filwaqt li fl-Ewropa, mad-89 miljun persuna qed jabbużaw mid-droga. F'Malta, il-figuri juru li madwar 2,000 persuna jirrikorru b'mod regolari f'ċentri ta' kura mill-abbuż mid-droga. Hu stmat ukoll li 4% tal-popolazzjoni f'Malta għamlu użu xi darba f'ħajjithom mill-kannabis. F'dawn l-aħħar snin, bejn l-2006 u l-2015, f'Malta mietu 64 persuna b'konsegwenza diretta tal-abbuż mid-droga. Fl-2015, Malta reġistrat l-akbar rata tal-imwiet fl-Unjoni Ewropea 'l fuq minn 27 imwiet għal kull miljun persuna, meta l-medja Ewropea hi ta' għoxrin persuna għal kull miljun persuna. Is-sitwazzjoni kompliet issir aktar ħażina bl-introduzzjoni tad-droga sintetika fis-suq dinji u lokali.

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati semma li fil-qasam politiku f'Malta minn dejjem kien jeżisti qbil ġenerali kontra l-abbuż u t-traffikar tad-droga. Hu appella li din il-kollaborazzjoni fost il-politiċi Maltin għandha twassal sabiex dejjem jibqgħu jittieħdu l-miżuri kollha fil-ħidma kontra t-traffikar tad-droga u l-organizzazzjonijiet kriminali involuti. Hu wkoll saħaq li hi x-xewqa ta' kulħadd hi li dawk kollha milquta mid-droga jinħelsu minn dan l-abbuż. Hu tenna lit-traffikanti tad-droga, li huma aġenti tal-mewt, ma jistħoqqilhomx ħniena għad-deni u tbatija li qed iġibu fuq il-proxxmu tagħhom.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

F'din l-okkażjoni, l-Ispeaker sellem lil Monsinjur Victor Grech, Saċerdot Kattoliku u Direttur ta' Caritas Malta tal-ħidma twila tiegħu lejn dawk milquta u l-familjarji tagħhom. Hu kien strumentali sabiex din l-organizzazzjoni fi ħdan il-Knisja Kattolika f'Malta tiddedika ħafna mir-rizorsi tagħha sabiex tgħin lil tant individwi f'dan il-jasar u lill-familjarji tagħhom.

L-Ispeaker Anġlu Farrugia appella lil kulħadd, partikolarment lill-awtoritajiet Maltin, sabiex;

1. Dawk milquta mill-abbuż mid-droga flok jeqirdu lilhom nfushom, jgħaddu mill-programm riabilitattiv u jingħatalhom xogħol sabiex iħabirku bħal ħuthom il-Maltin u l-Għawdxin fil-ħidma biex ikompli jikber il-ġid f'pajjiżna;

2. Nipproteġu lil uliedna minn kull ħaġa li tista' twassalhom milli jabbużaw mid-droga. Hu importanti li jkomplu jissaħħu l-operat preventiv, l-edukazzjoni, u l-użu tajjeb tal-mezzi tal-kommunkazzjoni;

3. Ngħinu lil uliedna jagħmlu l-aħjar għażliet f'ħajjithom. Il-ġenituri, aktar milli jesiġu, jgħallmu lill-uliedhom bl-eżempju tajjeb; u

4. Jekk tassew nemmu fl-importanza tal-familja fis-soċjetà, ilkoll għandna naħdmu sabiex il-valuri għonja ta' ġensna, jiġifieri, l-imħabba, l-umiltà, ir-rispett reċiproku, is-solidarjetà, is-sempliċità, ir-rispett lejn l-awtoritajiet, id-dixxiplina, it-tolleranza, l-imħabba lejn pajjiżna u s-smigħ tad-dehen t'Alla jerġgħu mill-ġdid iżejnu lill-familji tagħna.

Din il-konferenza nazzjonali kienet opportunità sabiex il-professjonisti u oħrajn li jaħdmu f'din il-ħidma kontra l-abbuż mid-droga, jaqsmu l-istudji tagħhom, jaġġornaw l-għodda u l-prattika tax-xogħol tagħhom, il-ħidma edukattiva u preventiva, il-proċessi fil-Qrati tal-Ġustizzja, u l-għajnuniet u l-programmi riabilitattivi.

Il-konferenza nazzjonali ġiet indirizzata minn rappreżentati ta' diversi entitajiet li ħidmiethom marbuta ma' dan il-qasam kif ukoll mill-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali Michael Falzon u l-Membri Parlamentari Claudio Grech, Maria Deguara u Godfrey Farrugia.